# TIFSIR

FUK

# IL PITTURA

TA L'INS: COLL: MATRICI U PARROCCIALI

CNISIA TA BIRCHIRCARA

TA

# S. ELENA IMPERATRICI

MAGHMULA MILL

COM: VIRGINIU PROF: MONTI

PITTUR FAMUS RUMAN.

Mira varietate pictura decorabat.
Zejnugha b' cull xorta ta pittura
( FIL CTIEB TA ESTER 1. 6. )

Stampata għand CARLU CACHIA
Strada Due Porte Nu. 1, 9, L' Isla.

GODFREY WETTINGER B[illegible]
UNIVERSITY OF MALTA
LIBRARY SE[illegible]

ND
1432
.M37
T5

LILEC

O MAHBUB PATRI PROVINCIAL

MAISTRU ANTONINU GATT MIS: APCU:

GLORIA TA L' ORDNI DOMENICAN

FERH U UNUR TAL CARCHARISI

CHEUCCBA LUMINUSA FIL CLERU COLLU

JEN

LI DEJJEM SIBTEC BHALA MISSIERI

GHAT-TAGHLIM U IT-TUIDDIB LI TAJTNI

B' DAN IC-CHEJCHEN CTIEB

IRRID NATI XIEDA TA DIN L' IMHABBA

LI GIO KALBI GHANDI GHALIC

GHALHECC BIL KIMA COLLHA

NOFFRI.

L' Imdina
Nhar S. Duminicu
tas-sena 1907.

CAN: V. VELLA A. T.
Cap: O. S. Spiritu.

GW3 460 982

Il lakgha li il Carcarisi ghamlu lill ctieb minni maghmul fuk il hajja tal kaddisa protettrici taghhom S. Elena Imperatrici, ghialitni inhobbhom u infittex sabiex niccorrispondi ma din l'imhabba u ir-rispett li ureu lejha, u billi bosta hbieb talbuni sabiex ingib xi ftit tat-tifsir fuk is-sabieha pittura *a fresco* li ghamel l'imfahhar Professur Monti fil Cnisia taghhom, ghalhecc jena mort rajt din il pittura, u ghalchemm ftit nifhem fiha, imma ngheidilcom li bkajt mistghageb u ghedt tasseu li issa il Cnisia sejra tcun il Genna ta l'art, vera ghamara t'Alla u bieb tas-sema, flejt il bagia mill' ahjar li stajt, staksejt il bosta persuni li jifhmu, u ghalhecc sejjer nati dan il ftit tat-tifsir, biex iservi ta ghajnuna lill dauc li imorru jammirau dan ix-xoghol stupend ta l'arti.

## IL COPPLA.

Fil Coppla, bhala ghakda ta dac ix-xoghol collu li ghandu isir fil Cnisia collha; hemm pingiut it-Trionf tas-Salib, li ghandu jiehu fil Giudiziu universali, dan it-Trionf

culur ta cubrit fil hin id-demonii keghdin izommuhom marbutin biex jistenneu is-sentenza tal cundanna tahhom.

F' daun it-tliet xeni tarau dejjem ix-xita tan-nar fuk il hziena, id-demonii li jitturmentauhom u icarcruhom lejn kiegh l' infern, fil gholi issibu dejjem l'Ang'li, daun ifissru il ministri tal hakk t' Alla, li daun b'idhom ix-xellughia juru lill hziena il loc li hemm imhej ghalihom, u bis-siuf tan-nar fil-lemenia ichecciuhom lejn il bocca ta l'infern.

*Fit-tliet xeni l' ohra in-nahha tal-lemin fuk il Cappellun tal Crucifiss* hemm pingiuti it-tajbin, x'uhud minnhom rashom baxxiuta jadurau is-Salib, ohrajn rebbieha bil palm f' idejhom, ohrajn ferhanin iharsu lejn ir-Redentur, ohrajn merfughin mill Ang'li, fl'ohrajn imbaghad issib l' Ang'li li keghdin itellghu fl'airu it-tajbin lejn il Genna.

Fit-tieni pian in-nahha tal-lemin issibu lill S. Elena, liebsa ta Imperatrici Rumana ta dac iz-zmien, li bil kima collha kieghda tadura is-Salib, in-nahha tax-xellug hemm is-Slaten Magi, daun huma l' euuel adoraturi tar-Redentur fid-dinja.

Fit-tielet pian, fl' euuel zeug taksimiet

hdejn ir-Redentur, issibu is-Sagra familja collha chemm hi, jigifieri in-nahha tal-lemin il Madonna, S. Giusepp, San Guan Battista, in-nahha tax-xellug S. Anna, S. Giacchin, S. Zaccaria, S. Elisabetta, fil bicciet l' ohra imbaghad biex jaghmlu curuna lir-Redentur hemm it-tnax l' Appostlu.

Fit-tmien pilastri tal coppla imsejha bikia hemm scolpiti 16 il Serafin f'idejhom ghandhom lis-strumenti tal passioni, fukhom hemm curuni tal palm u trumbetti, biex ifaccruna fil Giudiziu, daun huma tant indorati tajjeb li ma taghrafhomx minn mital, donnhom pilastri li keghdin izommu l'anterna.

EVANGELISTI.

*Fl' erba lunetti taht il Coppla* hemm pingiuti l'erba Evangelisti, daun huma l'erba collonni li fukhom kieghda il Cnisia imkaddsa, daun huma lebsin bi-lbies bhal ta dac iz-zmien, u xehta u sura ta veri Lhud, ifissru tasseu dac li huma.

L'euuel uiehed (in-nahha tal-lemin) hemm S. Matteu dan ghandu l'Ang'lu li kieghed izomm il-lanza fil hin li kieghed inebbhu jicteb l' Evangeliu, in-nahha tax-xellug tighu hemm il crucifissioni, fil hin li Gesù Reden-

tur kieghed imut, ix-xemx mghottija, is-suldati mifxula, il Madonna u dauc in-Nisa it-tajba keghdin jibcu il meut ta Gesù, u ragg niezel mis-Sema donnu bhala beusa li il Missier Etern Alla kieghed jitfa fuk il gisem ghaziz tal Vittima tal Golgota Ibnu Gesù, fir-riglejn ta l'istess Evangelista hemm zeug Ang'li li keghdin izommu il ghodod tal Passioni.

Fit-tieni lunetta (in-nahha tax-xelluch) hemm S. Guan kieghed fuk is-shab, ma gembu ghandu l'aquila, collu estaticu b'ghaineih ifissati lejn is-sema, in-nahha tax-xelluch tighu fuk shaba hemm il Haruf Divin, in-nahha tal-lemin hemm in-nizla ta lis-Spirtu Santu, taht xbieha ta hamiema fuk ic-Cenaclu ta Sion taht ir-raggi hem l' ilsna tan-nar, f' dan ic-Cenaclu ucoll giè stabilit l'adorabbli Sagrament ta l' Altar, li fuku chiteb dan l'Evangelista, fejn riglejh hemm ucoll zeug Ang'li uiehed ghandu fiaccola tan-nar li tfisser l' imhabba, u l'iehor il ctieb tas-sebgha sigilli.

Fit-tielet lunetta (in-nahha tax-xelluch) hemm S. Luka taht xbieha ta xieh venerandu kieghed fuk il bakra, chif hua issimbolu tighu, Ang'lu ghandu kuddiemu li kieghed ighennieh

bil hleuuiet celesti, fil hin li dan ix-Xuejjah Evangelista kieghed immedita il Maternita tal Madonna, chif din tidher fil bgheit; fejn riglejh ghandu zeug Ang'li ghandhom f'idejhom is-simboli tas-Sacerdoziu Ebraic, cioè uihed il mitra u l' iehor il pettoral bit-tnax il hagra, li ifisser it-tnax it-tribù ta Israel.

Fir-raba lunetta (in-nahha tal-lemin) S. Marc bil-liun ma gembu, in-nahha tax-xellug ghandu Ang'lu li kieghed ibatti l'istendard, simbolu tal kauma ta l'imuiet, u in-nahha tal-lemin jidher it-tempiu ta Gerusalemm li kieghed jiggiarraf, friglejh hemm zeug Ang'li ghandhom xi chitba.

IL COR.

*Fil bcejjec tal Cor*, insibu rappresentati l' erbgha Ghorrief tal Cnisia, tnejn grieghi u tnejn latini, cioè in-nahha ta l'Evangeliu S. Ghirgor Magnu fil-lemin u S. Basiliu fix-xellug. Fin-nahha ta l' Epistola S. Ambrog fil-lemin u S. Guan Grisostmu fix-xellug, collha ghandhom fejn riglejhom tliet Ang'li.

Fil-lunetta tat-tieka in-nahha tal-lemin uara l' Ang'li li hemm idokku il musica celesti hemm is-sinjal ta dauc il Cnejjes li S. Elena bniet fil Palestina, u in-nahha l' ohra

kuddiem din it-tieka hemm ucoll l' Ang'li li keghdin idokku u uarajhom hemm il Cnejjes ta l' idolatria li S. Elena giarfet.

Fic-Centru fin-nofs hemm id-dahla ta S. Elena fil Genna, oh! xi sbuhija, x'maestria ta l' arti! ruhec tehodloc minn gismec, iggialec thoss il hleuuiet tas-sema minn din id-dinja!

S. Elena keghda fuk shaba sabieha liebsa ta Imperatrici Rumana, bi stil bizantin, chif chienet tilbes f'hajjitha, bideja merfugha b'sinjal ta ferh u gloria kieghda tittajar, diehla helu helu fil Patria beata, milkugha mill Madonna u mis-SSma Trinità fejnha ghandha Ang'lu dan ghandu f'idejh l'emblemi tar-regnu taghha, cioè fuk imhadda ghandu il curuna u ix-xettru, iehor ftit l'isfel bit-tromba kieghed ihabbar dan it-trionf ta din il cbira kaddisa ma duaru in-nahha il uahda hemm sebgha figuri, ifissru it-tliet virtù teologali u l'erba cardinali, li fil hajja kaddisa u prodigiusa taghha ippraticathom a gloria l'Alla, ghal gid tal Cnisia u ghajnuna tal poplu nisrani, fin-nahha l' ohra hemm S. Cecilia keghda iddokk l'orgni, kuddiem is-SSma Trinità, b'culuri sfumati keghdin fl' oghla tas-smeuuiet

ktajja cbira ta kaddisin, S. Giusepp, Patriarchi, Profeti, Martri, Confessuri, Dotturi u giabra ta Serafini li keghdin jaghmlu curuna lis-SSma Trinità.

Ma duar it-tuieki tal cor fis-second oidni hemm 12 l' Ang'lu keghdin idokku il musica.

Dan hu collu fuk fuk, imma sgur li l'ebda pinna ma hia capaci tiddescrivi is-sbuhjia l'arti il gmiel tal figuri u il hleuua ta din il pittura, biss nistedincom li tmorru tarau il verità.

## TUISSIJA.

Sabiex uiehed ista u ghandu jara u jifli seuua dan ix-xoghol straordinariu, ta sbuhija rari u precisioni artistica, hemm bzonn li meta irid jara il Coppla imur f'nofs il cor u minn haun jista jara seuua ix-xena ta S. Michiel, imbaghad minn nofs il corsia, l'isfel mill lampier biex jara ix-xena tat-trionf tas-Salib u tar-Redentur, imbaghad minn fuk it-targiet tal altar tal Curcifiss biex tosserva it-tliet quadri

tar-reprobi, u minn fuk dauc tar-Rusariu tara it-tliet quadri ta l' insara it-tajba. Biex tara il cor seuua hemm bżonn titla fis-sedii tal Canonici f' nofs il passaggi li hemm fin-nofs u hecc tara cull uahda minnhom, biex tara seuúa ic-centru mur ghokod taht il lampier tal cursìa.

---

Mahbubin Carcarisi, intom li keghdin taghmlu chemm tifilhu sabiex izzejnu it-tempiu t' Alla, jena ngheidilcom li intom ghandcom il Barca t'Alla fukcom u fuk il familji taghcom, chif Alla stess uighed lill cbir Salamun, meta chien kieghed jibnilu it-tempiu ta Gerusalemm.

L'antichi taghcom ureu bizzejjed iz-zelu taghhom ghad-Dar t' Alla, meta marru jibnu dan il maestus tempiu unur ta Malta collha, u issa intom din il giaura preziusa keghdin iggialghua issir actar sabieha b'din iz-zina li keghdin biha izzejnu dan it-tempiu, ghaldakstant nifirhilcom mill kiegh ta kalbi li ghaliex intom keghdin tagharfu seuua tonfku fluscom f'din il pittura, scultura u induratura, li bihom dan it-

tempiu taghcom sejjer jixbeh lill Basilichi li jinsabu fil belt Eterna Ruma, u li ghogiobcom iggibu dan il famus pittur uiehed mill cbar ta Ruma, li bil pinzel artisticu tighu kieghed izejjen it-tempiu taghcom, li sejjer icun uiehed mill akua famusi Cnejjes li ghandna f' Malta.

Insara huti S. Elena mill ghola tas-sema keghda titghaxxak bicom, u bhala ulieda riconoxxenti lejha taticom il barca taghha u taklalcom minn ghand Alla il milja tal grazzi tighu, u tixghel gio klubcom in-nar taz-zelu ghaddar t' Alla, sa chemm tmorru imbaghad tghammru ghal dejjem fid-dar eterna ta Gerusalemm beata.

*Replebimur in bonis domus tuae; sanctum est templum tuum, mirabile in aequitate.*

*Meta nidhlu f' darec nistghaneu bil gid, it-tempiu tighec hua kaddis, ghageb ghal giustizzia. Fis-Salm (4 XIV.)*

## BIS-SENSIA TAL CNISIA.